KOMUNIKA LILL-AVUKATI

DRITTIJIET PROFESSJONALI

Il-Kamra tal-Avukati ġiet mgħarrfa mill-Kumitat Għall-Avukati u l-Prokuraturi Legali mwaqqaf skond l-Artikolu 3 tal-Kap. 369, illi numru sostanzjali ta' lmenti li jiġu mressqa fil-konfront t'avukati quddiem l-istess Kumitat jirrigwardjaw ilmenti dwar drittijiet professjonali, fejn ġeneralment persuna tallega li l-avukat kien irraġjonevoli fil-ħlasijiet mitluba, jew li talab ħlasijiet għal xogħol mhux imwettaq; jew mhux imwettaq kompletament.

Indipendentement mill-fatt jekk l-ilment partikolari jkunx ġustifikat jew le fil-meritu, ħafna drabi tali lmenti u oħrajn simili jkunu jistgħu jiġu evitati meta l-avukat jagħti spjegazzjoni ċara tal-kontijiet tiegħu li għandu dejjem jikkomprendi dettalji tas-servizzi prestati minnu u, wara li jitħallas, għandu dejjem joħroġ riċevuta ta' ħlas jew ħlasijiet li jkun irċeva skont il-liġi. Dan għandu japplika wkoll għal riċevuta li għandha tinħareġ ukoll fis-sitwazzjoni kontemplata fir-regola 1 tal-Kapitlu IV tat-Tieni Taqsima tal-Kodiċi ta' Etika u Mġieba għall-Avukati, u ċioè meta avukat ikun, fil-bidunett tal-inkarigu tiegħu, talab ħlas jew ħlasijiet akkont (u dan, naturalment, indipendentement mir-riċevuta fiskali fl-aħħar).

Il-Kamra tixtieq tiġbed l-attenzjoni tal-avukati għad-disposizzjonijiet segwenti tal-Kodiċi ta' Etika u Mġieba għall-Avukati, li jispjegaw b'mod ċar l-obbligu li avukat joħroġ kont li jispjega b'mod ċar il-ħlasijiet dovuti u/jew magħmula, kif ukoll li joħroġ riċevuti skond il-liġi, i:

**L-Ewwel Taqsima, Kapitolu I, regoli 1(d)(e) u 3(a)(c);**

**It-Tieni Taqsima, Kapitolu IV, regoli 7 u 8.**

**Issir referenza wkoll ghar-regola 10 tal-Kapitolu II tat-Tieni Taqsima tal-Kodiċi msemmi.**

Apparti li dawn huma obbligi ċari tal-avukati, m'hemmx dubbju li dawn ir-regoli jiddettaw prassi sana da parti tal-avukat fil-konfront tal-klijent. Huwa għalhekk illi filwaqt li tfakkar lill-membri tal-professsjoni f'dawn l-obbligi, il-Kamra tixtieq tgħolli l-livell ta' komportament tal-avukat f'dan il-qasam billi, fil-futur mhux il-bogħod, toħroġ linji gwida għall-professjoni li jistabilixxu prassi ta' kif l-avukat għandu jikkomporta ruħu b'mod li jirrispetta dejjem aktar id-dekor tal-professjoni.

L-għan mhux biss illi jkun hemm anqas ilmenti fil-konfront tal-avukati, izda wkoll illi kull membru tal-professjoni jkollu linji gwida aktar dettaljati dwar dak illi huwa l-komportament minnu rikjest mill-professjoni u x'inhuma l-aspettativi leġittimi tal-klijenti tiegħu.

Awissu, 2020